# Il-*Pater Noster* bl-Ilsien Malti: Storja Lingwistika

***Mario Cassar***
mario.cassar@um.edu.mt

**Abstract:** The *Pater Noster* ('The Lord's Prayer) is undoubtedly the most widely-known prayer in the Christian canon. Beyond its theological import, many comparative linguists and travel writers in the past often used this formulaic prayer as a sample of the various languages under discussion, including Maltese. The vernacular version of the Lord's Prayer (known as *Il-Missierna*) is here discussed from a historical-linguistic and orthographic point of view. The various transcriptions documented since 1725 constitute an indirect reflex of the complex trajectory which written Maltese underwent until it achieved its present codified form.

**Keywords:** The Lord's Prayer, comparative linguistics, Maltese language, Maltese orthography, Maltese alphabet

Il-'Missierna' hija talba mudell magħrufa popolarment bħala l-*Pater Noster* minħabba l-ewwel kelmiet tagħha. Billi għallimha Kristu nnifsu hija intitolata wkoll it-'Talba tal-Mulej' (bl-Ingliż *The Lord's Prayer* u bil-Latin *Oratio Dominica*). Fit-Testment il-Ġdid niltaqgħu ma' żewġ verżjonijiet tal-'Missierna' – waħda fil-Vanġelu ta' San Mattew (6, 9b–13) u l-oħra fil-Vanġelu ta' San Luqa (11, 2b–4).[1] L-ewwel verżjoni titfaċċa bħala parti mid-Diskors tal-Muntanja, u hija mqassma f'apostrofi (jew invokazzjoni) u sitt petizzjonijiet:[2]

1 *The Catholic Encyclopedia* (New York, St Louis, San Francisco, Toronto, London, & Sydney, 1966), x, 830.

2 Il-petizzjonijiet huma espressi fit-tieni persuna; madankollu, l-ewwel tlieta huma 'talbiet lilek' (li jmissu direttament lil Alla l-Missier), filwaqt li t-tlieta l-oħra huma 'talbiet għalina'. Għaldaqstant, strutturalment, it-talba tidwi n-nisġa tad-Dekalogu (l-Għaxar Kmandamenti).

*Missierna li inti fis-smewwiet,*
1. *jitqaddes ismek,*
2. *tiġi saltnatek,*
3. *ikun dak li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.*
4. *Ħobżna ta' kuljum, agħtihuna llum;*
5. *u aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina;*
6. *u la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni.*[3]

It-tieni verżjoni tidher fil-passaġġ meta d-dixxipli stiednu lil Ġesù jgħallimhom jitolbu waqt il-mixja tiegħu lejn Ġerusalemm. Din fiha ħames petizzjonijiet biss:

*Missier,*
1. *jitqaddes ismek;*
2. *tiġi saltnatek;*
3. *ħobżna ta' kuljum agħtihulna llum,*
4. *u aħfrilna dnubietna, għax aħna wkoll naħfru lil min hu ħati għalina,*
5. *u la ddaħħalniex fit-tiġrib.*[4]

L-eseġisti bibliċi jinsistu li dawn kienu żewġ okkażjonijiet differenti u ħadd m'għandu jiskanta li Ġesù rreċita din it-talba aktar minn darba ladarba kienet saret formula. Il-verżjoni addottata mill-Knisja Kattolika fil-katekiżmu tagħha hija essenzjalment dik mogħtija minn San Mattew. Ta' min jgħid li l-'Missierna' tixbah ħafna lil talb liturġiku Lhudi ieħor li kien magħruf fi żmien Ġesù stess, imma ma nistgħux ngħidu li hi plaġjarizzata, sew għax ix-xebh huwa biss parzjali, u sew għax m'hemmx evidenza konkreta li t-talb Lhudi kien effettivament aktar bikri. Jibqa' l-fatt li wħud mill-frażijiet jinsabu fil-*Kaddish* tat-Talmud u fil-talb tal-Esseni, iżda l-ispirtu huwa kompletament ġdid. Il-fatt li f'San Mattew intuża l-plural (*Missierna; agħtihulna; aħfrilna; la ddaħħalniex*; eċċ) jixhed li l-*Pater Noster* diġà kienet saret talba liturġika u komunitarja fost l-Insara tal-ewwel seklu W.K. Ġesù nnifsu żgur li uża l-forma '*Missier*(*i*)', bħalma jikteb San Luqa.[5]

Minkejja s-sempliċità tagħha, inkitbu diversi studji speċjalizzati dwar il-'Missierna'. Biss biss, kummentarju pjuttost elaborat kien diġà

3 *Bibbja Saydon: It-Testment il-Ġdid* (Malta, 1977), 35.
4 Ibid., 175.
5 *The Catholic Encyclopedia*, 830. Ara wkoll S.J. Kistemaker, 'The Lord's Prayer in the First Century', *Journal of the Evangelical Theological Society* 21/4 (December 1978), 323–8.

deher fid-Duttrina Nisranija tal-1569 b'digriet tal-Konċilju ta' Trentu (1545–63), filwaqt li fl-1583 Lambert Daneau ħareġ il-ktieb *Orations Dominicæ Explicatio* (Excudebat Eustathius Vignon). Il-kontenut teoloġiku tal-*Pater Noster,* madankollu, huwa 'l barra mill-iskop tal-istudju preżenti.[6]

## Il-ġbir tal-'Missierna' f'diversi lingwi

Fl-1555 l-Iżvizzeru-Tedesk Konrad von Gessner (1515–65) ippubblika dak li kellu jkun rikonoxxut bħala l-ewwel tentattiv maġġuri fil-qasam tal-paragun xjentifiku tal-lingwi. Fil-ktieb tiegħu, *Mithridates*, Gessner ikkompara 22 lingwa billi uża t-talba tal-'Missierna' bħala kampjun – proċedura li reġgħet intużat ħafna aktar tard mis-suċċessur tiegħu Johann Christoph Adelung fil-bidu tas-seklu dsatax (q.v.).[7]

Minn żmien il-pubblikazzjoni tal-*Mithridates*, traduzzjonijiet tal-*Pater Noster* kemm-il darba ntużaw bħala għodda fl-istudju komparattiv tal-lingwi, primarjament minħabba l-fatt li l-ewwel filologi nibtu mill-ambitu Kristjan, u aktarx minn fost il-membri tal-kleru.[8] Għal finijiet missjunarji, il-'Missierna' kienet waħda mit-testi bibliċi li nqalbet sa minn kmieni f'diversi ilsna. Xi kompilazzjonijiet mis-seklu tmintax jinkludu: (i) *Oratio Dominica Polyglottos Polymorphos Nimirum, plus centum linguis*, anon. (London, 1736);[9] (ii) *Oratio dominica in diversas omnium fere gentium linguas versa*, ed. John Chamberlayne (*c.*1666–1723/4) (Amsterdam, 1715); u (iii) *Orations Dominicæ Versiones Plurium Linguarum Europæarum, Asiaticarum, Africanarum et Americanarum*, (Gottl., 1750). Ebda wieħed minn dawn it-tliet volumi ma jinkludi verżjoni bil-Malti.

Fi żmienna u f'kuntest lingwistiku, din l-użanza m'għadhiex daqstant invoga għax is-sura tal-*Pater Noster*, mimlija kif inhi b'tant sentenzi

6 Għal esiġeżi teoloġika tat-talba, ara H. van den Bussche, *Understanding the Lord's Prayer*, trad. C. Schaldenbrand (New York, 1963); L. Boff, *The Lord's Prayer: The Prayer of Integral Liberation*, trad. T. Morrow (New York, 1983); u N. Ayo, *The Lord's Prayer: A Survey, Theological and Literary*, (Maryland, 2003). F'Malta deher il-ktieb *A Literary Approach to the Lord's Prayer* ta' E.E. Camilleri (Malta, 1994).

7 *The Encyclopedia of Language and Linguistics*, ed. R.E. Asher (Oxford, New York, Seoul, & Tokyo), 1994), iii, 1556.

8 Mappa lingwistika tal-Ewropa mitbugħa fl-1741 saħansitra turi l-ewwel vers tal-*Pater Noster* bil-lingwi tal-postijiet imsemmija.

9 Kopja ta' dan il-ktieb tinsab fil-BNM (SS.4.3).

imperattivi, m'għadhiex rappreżentattiva tad-diskors politikokulturali kontemporanju. Madankollu, il-ġbir tal-'Missierna' f'diversi lingwi bi skop reliġjuż għadu sejjer sal-lum. Hekk, pereżempju, fl-2004, William Wolkowski ppubblika l-ktieb *Pater Noster: A Chirographic Opus in One Hundred and Twenty-Six Languages* (University of Paris) li fih verżjoni bil-Malti kontemporanju.[10] Il-*Pater Noster*, wara kollox, tibqa' waħda mit-talbiet ċentrali tal-Kristjaneżmu. F'Jum l-Għid tal-2007, ġie kkalkulat li maż-żewġ biljun Kattoliku, Anglikan, Protestant, u Ortodoss tal-Lvant setgħu jaqraw, jirreċitaw jew ikantaw din it-talba b'mijiet ta' lingwi differenti.[11] Minkejja kull differenza dottrinali, il-*Pater Noster* kapaċi tgħaqqad il-Kristjani tad-dinja kollha f'talba komunitarja waħda. Biżżejjed wieħed jgħid li sit elettroniku ġestit mis-Soċjetà *Christus Rex* (imniedi fl-1994) irnexxielu jiġbor il-'Missierna' f'1,697 lingwa differenti – fis-sew kapulavur glottoloġiku.[12]

Xi denominazzjonijiet Insara, partikolarment dawk Protestanti, jikkonkludu din it-talba b'dossoloġija – żieda li tidher f'xi manuskritti tal-Vanġelu ta' San Mattew: 'Għax Tiegħek hija s-Saltna, il-Qawwa u l-Glorja, għal dejjem ta' dejjem'. Din id-dossoloġija, fil-fatt, tintuża mill-Kattoliċi, imma tingħad biss fil-liturġija tal-quddiesa.

## Qabel Wzzinu

Il-Konċilju ta' Trentu, fost ħafna affarijiet oħra, qatagħha li tiġi kkompilata Duttrina Nisranija universali biex tiġi mgħallma b'mod uniformi f'kull rokna tad-dinja Kattolika. B'digriet tal-Papa Piju V (1566–72), ġie stampat f'Ruma l-kompendju *Catechismus ex decreto Concilii Tridentini ad Parochos* (1566), magħruf ukoll

10 Nirringrazzja lill-awtur li ġentilment għoġbu jibgħatli fotokopja tat-talba mill-ktieb tiegħu. Il-verżjoni Maltija kien għaddielu Rev. Dr Joseph Bezzina.

11 K. Connie Kang, 'Across the Globe, Christians Are United by Lord's Prayer,' *Houston Chronicle*, 8/4/2007, Section A, 13.

12 Cf. http://www.christusrex.org/www1/pater/. Is-sit ma jinkludix verżjoni bil-Malti, iżda minflok, b'sorpriża sabiħa, jagħti verżjoni bid-djalett Għawdxi, ipprovduta minn Rev. Dr Joseph Bezzina: '*Missirne li Inti fis-smewiet jitqeddis Ismik, tiġi saltnutuk, ikun li tit Int, kejf fis-seme ekde fl-ort. Ħubżna te' kiljum, agħtina llum, aħfrilne dnubietne, bħalme naħfru lil min hu ħuti għaline, la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisne minn kull deni.*'

bħala l-*Catechismo romano*, editjat minn Paolo Manuzio.[13] Sa sena wara diġà kien hemm traduzzjoni bil-*lingua volgare* (i.e. bit-Taljan) minn Patri Alessio Tigliucci – *Catechismo, cioe Istruttione secondo il Decreto del Concilio di Trento à Parochi*.[14] Fl-1597 ħareġ id-*Dottrina cristiana breve* tal-Kardinal Roberto Bellarmino biex jintuża mit-tfal. Ma nafux jekk dan ix-xogħol ġiex tradott għall-Malti qabel is-seklu tmintax, almenu f'forma manuskritta; il-probabilità hi li le.

Fil-manuskritt li jiddiskrivi l-vista pastorali ta' Mons. Pietro Dusina (1575) naqraw li ħafna mill-kappillani lokali wieġbu lil-legat appostoliku li kienu jgħallmu lit-tfal '*il Pater Noster, l'Ave Maria, il Credo e i Dieci Comandamenti*'.[15] Ebda waħda minn dawn it-talbiet ma waslet sa għandna; u allura ma nafux jekk it-tfal kinux jgħiduhom bil-Malti jew bil-Latin. Dusina nnifsu jidher li ma amarx li ssir traduzzjoni tal-katekiżmu tal-Kardinal Bellarmino bil-Malti, għax kieku ordni importanti bħal din żgur kienet titniżżel fir-rapport.[16] Għalhekk jidher li għal żmien twil, hawn Malta, bħal f'kull pajjiż ieħor, din it-talba kienet tingħad biss bil-Latin, anki mill-klassi bla skola. Sa fejn nafu, l-ewwel verżjonijiet bil-Malti dehru biss fis-seklu sbatax.

Madankollu nafu li qabel l-inizjattiva ta' Wzzinu (1752, q.v.), lokalment, kienu diġà saru minn tal-anqas żewġ traduzzjonijiet oħra tal-katekiżmu ta' Bellarmino. Fi żmien l-Isqof Gaspare Gori Mancini (1722–28), kienet saret traduzzjoni bil-Malti bil-ħsieb li din tkun stampata wara li tiġi approvata mill-Kongregazzjoni tal-*Propaganda Fede*. Madankollu, il-mewt tal-Isqof fl-1728 xejnet il-pjanijiet kollha. Fl-1743, imbagħad, l-Inkwizitur ta' Malta, Gualterio Gualtieri, informa lill-Kongregazzjoni tas-Sant'Uffizzju f'Ruma li l-kappillani kienu qegħdin jgħallmu dan il-katekizmu ta' Bellarmino bil-Malti sabiex ikun jista' jinftiehem mill-poplu.[17] Dan ifisser li kien hemm verżjonijiet

13 Kopja ta' dan il-ktieb, mitbugħ f'Ruma, tinsab fil-BNM (B.19.20).

14 Kopja ta' dan il-ktieb, mitbugħ f'Ruma wkoll, tinsab fil-BNM (R.2.1).

15 BNM, MS 643, *passim*.

16 Ara J. Vella, 'L-Iżvilupp tal-Katekiżmu Malti', teżi mhux ippubblikata fil-livell ta' B.A. Gen., l-Università Rjali ta' Malta (1964), 4–5.

17 Ara W. Zammit, 'Dawl Ġdid fuq l-Ewwel Pubblikazzjoni tal-Katekiżmu Kattoliku bl-Ilsien Malti: *Tagħlim Nisrani* (1752) ta' Franġisku Wzzinu', *Il-Malti*, nru 79 (2007), 197. F'riċerka li Zammit għamel fl-Arkivju tas-Sant'Uffizzju f'Ruma, ma ltaqax la mat-traduzzjoni ta' żmien l-Isqof Gori Mancini u lanqas mal-kopja li bagħat Gualtieri fl-1743.

oħra tal-*Pater Noster* bil-Malti użati fil-klassijiet tad-duttrina fl-ewwel nofs tas-seklu tmintax.[18]

Skont Agius de Soldanis, it-tagħlim tad-duttrina fil-bidu tas-seklu tmintax kien isir bil-Malti, imma għal darba oħra m'għandna ebda evidenza ta' talb miktub jew mitbugħ minn dan iż-żmien.[19] Għalhekk l-eqdem verżjoni stampata ta' din it-talba bil-Malti li nafu biha s'issa hija dik pprovduta minn Maius.

## Maius (1725)

Johannes Henricus Maius (1688–1732) kien lingwista Ġermaniż li fix-xogħol 'Specimen Linguæ Punicæ in hodierna Melitensium superstitis orbi erudito' (inkluż fil-ktieb *Thesaurus Antiquitatum et Historiarum Siciliæ*, Marburg, 1718; Leyden, 1725) saħaq li l-Malti għad għandu traċċi importanti ta' Puniku. Huwa ttraskriva l-kliem Malti bl-alfabett Ebrajk (li dak iż-żmien kien magħdud minn ħafna bħala omm l-ilsna kollha). Hu jagħti wkoll verżjoni tal-*Pater Noster* bil-Malti, bl-għan li jagħti informazzjoni morfosintattika tal-lingwa f'kuntest. Maius qatt ma ġie Malta u bażikament qagħad fuq li qallu l-informant tiegħu, il-Ġiżwita Malti Ribier de Gattis.[20] Il-verżjoni mogħtija hawn taħt hija meħuda mill-edizzjoni tat-*Thesaurus* editjata minn J.G. Gravius u mitbugħa f'Leyden (pp. 482–3, 486).

*Missier tanai, inti li dal sema,*

*Icun imbierec i nom tiah,*

*Cia il' art tiah,*

*It cun mamlūna il volunta tiah chif fil sema hec fil l'art,*

*L'hops tanai coillium atina illùm,*

*Et affirna dnubietna, chif huahna n'ahflu a l'uhrai,*

*V m'a tamehl shei l'i nacau fil tentatione,*

*Ma liberana dal malo,*

*Aliès tiah ia il dignia, unt tista collohs hiasin alla deiem. Amen.*

18 Forsi identiċi, imma forsi le. Li nafu hu li l-iskop tal-Isqof Alpheran li jippubblika it-*Taghlim Nisrani* kien appuntu sabiex jelimina l-inkonsistenzi fuq kif kien mgħallem il-katekiżmu bil-Malti.

19 Ara Vella, 7,12.

20 Maius studja f'Giessen u għallem fl-iskejjel superjuri ta' Altdorf, Jena, u Kiel. Fl-1709 inħatar professur tal-Grieg u l-ilsna orjentali. Ara R. Kontzi, 'Il-Kontribut ta' Studjużi Ġermaniżi fl-Istudju tal-Ilsien Malti mill-Bidu tas-Seklu Sbatax sal-Bidu tas-Seklu Għoxrin,' trad. M. Zammit, *Journal of Maltese Studies*, 25–6 (1994–95), 7–23.

Ninnutaw li Maius diġà juża l-*ie* fi klien bħal *Missier*, *imbierec* u *dnubietna*. Għall-kuntrarju tal-verżjoni kontemporanja, juża ħafna lessiku Rumanz bħal *nom* (flok *isem*), *volunta* (flok *rieda*), *liberana* (flok *eħlisna*), *tentatione* (flok *tiġrib*) u *malo* (flok *deni*). Interessanti wkoll li Maius jinkludi d-dossoloġija qabel l-*Amen* finali li llum ma tingħadx.

## De Sentmenat-Torrelles (*c.*1748–60)

Fis-snin 1748–60, il-Markiż Francesc de Sentmenat-Torrelles i d'Agulló (1697–1762) kiteb 'Vocabulari i gramàtica de la llengua maltesa'. F'dan il-manuskritt, li b'kollox fih 83 folja minn wara u minn quddiem, jinsab fil-Biblioteca de Catalunya u jiġbor fih vokabularju elementari, daqsxejn ta' grammatika, ftit djalogi u katekiżmu reliġjuż qasir, inkluż verżjoni Maltija tal-*Pater Noster* (f. 82r).[21] Il-kliem Malti hu miktub bl-alfabett Katalan u għalhekk xi drabi ma jinqarax b'mod faċli. Jista' jkun li De Sentmenat ġabar it-tagħrif tiegħu minn fomm xi Maltin li kienu joqogħdu l-Katalunja. Nafu li Lorenzo Hervás (q.v.) għex f'dan ir-reġjun fis-snin 1798–1802, iżda ma nistgħux naċċertaw il-fatt jekk kienx familjari mal-opra tal-Markiż. Hu x'inhu, dan il-dokument Katalan jixraqlu skrutinju serju.

> *Enàidu l Pater noster.*
> *Missierna elli enti phil scemehuidd, mkaddez liscem tiack titgi ysaltena tiack, tenhhamel ilVolunta tiack eck phi scema pallha al philard. Hhòpsena ta kol llum ati Ilna illum, u achphretna genubietena pal achena nachphru lil min chata hhalina u harsena meladu a hharsena min kul deni. Ekikun.*

De Sentmenat diġà jidher jissemitizza t-test bl-użu ta' kliem bħal *mkaddez*, *deni* u *liscem*, apparti li flok *Amen* jikteb *Ekikun* 'Hekk ikun', imma jħalli l-kelma *Volunta*. Interessanti li flok is-sintagma tal-lum 'eħlisna mid-deni' jikteb *harsena meladu* 'ħarisna mill-għadu'; din il-formula ma nsibuha f'ebda verżjoni oħra tal-'Missierna'. Għandu

21 Ara A. Queraltó Bartrés, *Un vocabulari Català-Maltès, manuscript del siegle xviii. Edicío, transcriptió i estudi* (Barcellona, 2003) III,. Fil-ktieb ta' Queraltó, it-talba tidher f'p. 102. De Sentmenat twieled Barċellona fl-1697 u miet fl-istess belt fl-1762. Hu studja l-Latin, il-Grieg u l-Ebrajk għand il-Ġiżwiti u kien *connoisseur* tal-letteratura klassika. Kien wieħed mill-fundaturi tar-*Reial Acadèmia de Bones Lletres* ta' Barċellona u ddistingwa ruħu bħala filologu, poeta, u storiku.

ħabta juża forom analitiċi bħal *liscem tiack* u *ysaltena tiack* flok il-forom sintetiċi 'ismek' u 'saltnatek', anki jekk imbagħad jikteb *Missierna*, *genubietna* 'dnubietna' u *hhòpsena* 'ħobżna'. Anki jekk mhux b'mod konsistenti, De Sentmenat juża d-digraff *hh* flok l-*għ* u l-*ħ* tal-lum – eż. *tenhhamel* 'tingħamel', *hhalina* 'għalina'; u *Hhòpsena*, *hharsena* 'ħarisna'. Ninnutaw ukoll l-użu tad-digraff *ph* flok il-*f* tal-lum – eż. *phil* 'fil-' u *nachphru* 'naħfru'.

Il-verżjonijiet tal-'Missierna' li jidhru fix-xogħlijiet ta' Maius u De Sentmenat jikkonfermaw li qabel il-pubblikazzjoni tal-katekiżmu ta' Wzzino fl-1752 (q.v.), it-talb Malti ma kienx standardizzat, imqar fil-każ tal-aktar formula popolari.

## Wzzinu[22] (1752, 1780)

Fl-1752 deher l-ewwel ktieb stampat bil-Malti (b'test parallel bit-Taljan); dan kien jismu *Taġhlim Nisrani*, maqlub għall-Malti fuq medda ta' sentejn minn Dun Franġisk Wzzinu (1708–*c.*1775) mill-oriġinal tal-Kardinal Bellarmino. Wzzinu, proprjament, kellu f'idejh verżjoni Taljana-Għarbija miktuba minn Patri Alessio minn Todi, għalkemm jidher li ftit li xejn ta kas it-testi Għarab. Dan il-ktieb ta' katekiżmu sar bl-ordni tal-Isqof Alpheran de Bussan (1727–57).[23] B'xorti ħażina, ma nistgħux inkunu nafu jekk Wzzinu ħoloqx il-formuli tat-talb minn moħħu, jew jekk mexiex ma' dawk diġà stabbiliti fuq fomm il-poplu. Li hu żgur hu li ma mexiex mas-sistema ortografika stabbilita minn Agius de Soldanis (q.v.) sentejn qabel.

L-ewwel edizzjoni ta' *Taġhlim Nisrani* kienet mitbugħa f'Ruma għand Generoso Salomoni. It-tieni edizzjoni dehret fl-1768 u bħall-ewwel waħda ġiet stampata Ruma, iżda din id-darba għand Archangelo Casaletti. L-ewwel edizzjoni tal-katekiżmu stampata f'Malta kienet dik tal-1780 fi żmien l-Isqof Labini. Minn hawn 'il quddiem l-edizzjonijiet

22 Il-verżjoni tal-kunjom Wzzinu hija dik li tidher fit-traduzzjoni Maltija tat-*Taġlim Nisrani* tal-1752. Bnadi oħra l-kunjom jidher bħala Wizzino, Wzzino, jew Uzzino. Wzzinu kien predikatur u kittieb ta' innijiet sagri. Inqeda kemm-il darba bl-istampa biex ixerred kitbiet devozzjonali. Kien il-konfessur tal-Isqof Alpheran. Ara Ġ. Cassar-Pullicino, *Il-Kitba bil-Malti sal-1870* (2001), 15–19.

23 Ibid., 37–46. It-teologu Ġiżwita Roberto Bellarmino (1542–1621) kiteb il-ktieb seminali *Dottrina Cristiana Breve* fl-1597 b'ordni tal-Papa Klement VIII. Bellarmino kien ikkanonizzat fl-1930 u sena wara ngħata t-titlu ta' Duttur tal-Knisja.

stampati b'mod regolari f'Malta beda jkollhom xi differenzi żgħar minn dik originali ta' Wzzinu. L-introduzzjoni originali u l-ispjega tal-ortografija użata tneħħew, filwaqt li l-paġinazzjoni tvarja minn dik tal-edizzjonijiet mitbugħa f'Ruma. Mil-lat lingwistiku, is-sinjali dijakritici għebu peress li l-istamperija Maltija (li kienet ilha topera sa mill-1756) ma kellhiex minnhom. Apparti dan it-tibdil, iżda, it-test baqa' essenzjalment dak ta' Wzzinu.[24]

Bejn is-snin 1752 u 1911 ħarġu mhux anqas minn tlieta u għoxrin edizzjoni tal-katekiżmu bil-Malti; ħafna minnhom intużaw ukoll fl-iskejjel tal-Gvern.[25] Dawn joffru opportunità, aktarx unika, sabiex issir analiżi kemm tal-iżvilupp fit-tagħlim kateketiku kif ukoll fil-mod tal-kitba tal-Malti bejn nofs is-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu għoxrin. Matul dawn is-snin, id-differenzi ortografiċi baqgħu minimi. Fl-edizzjonijiet tal-1843 u l-1871, pereżempju, li ħarġu fi żmien l-Isqof F.S. Caruana u l-Isqof Pace Forno rispettivament, tinħass sewwa l-influwenza tal-alfabett tal-*Accademia Filologica*, imma mill-bqija kollox baqa' l-istess.[26]

Huwa appuntu f'dan il-kuntest li x-xogħol ta' Wzzinu jikseb sinjifikat partikulari, sewwasew minħabba l-impatt qawwi u dejjiemi li t-traduzzjoni tal-katekiżmu ħalliet f'dawn il-mitejn u ħamsin sena mill-ewwel edizzjoni tagħha. Tista' tgħid li l-Maltin kollha min-nofs is-seklu tmintax sa żmienna ġew wiċċ imb wiċċ mal-opra ta' Wzzinu b'mod orali waqt il-lezzjonijiet tal-katekiżmu.[27] Il-*Pater Noster* tidher f'p. 36. Ir-ritratt meħud mit-tieni edizzjoni tal-1768.

24 Zammit, 201. Dan il-katekiżmu kien magħruf ukoll bħala l-*Compendio della Dottrina Cristiana* u popolarment bħala 'Id-Duttrina ta' San Pawl'. Aktar tagħrif fuqu ngħata minn Tony Sciberras fil-ktejjeb *Attivitajiet Kateketiċi f'Malta, 1555–1933* (Malta, 2008), 24, 26, 35, 42, 43.

25 L-edizzjonijiet kollha ħarġu f'dawn is-snin: 1752, 1768, 1780, 1786, 1789, 1795, 1803, 1809, 1811, 1816, 1823, 1839, 1843, 1850, 1871, 1874, 1875, 1882, 1889, 1901, 1904, 1908, u 1911. Ara Zammit, 203–04. Aurele Gafà ġabar it-talba tal-'Missierna' kif dehret f'dawn l-edizzjonijiet kollha, barra dawk tal-1780, 1811, u 1874. Ara 'Il-Malti fl-Edizzjonijiet tal-Katekiżmu ta' Wizzinu (1752–1911), teżi mhux ippubblikata fil-livell ta' B.A. (Hons), l-Università ta' Malta (2005), 46–51.

26 Vella, 33.

27 Zammit, 194. Kien Wzzinu li stabbilixxa kliem bħal 'batal', 'regħextek', 'weġġaħ', u 'nitniehdu'.

36 TAĠLIM

M. Ġhid immela il Pater noſter.

D. Miſſierna, li inti fiſ-Smeuiet, jitkaddes iſmech-tig. Saltnatech, icun li trid int, chif fis-Sema hechda fl-ard. Ħ hobżna ta chol-jum atina il-lum, u aħhfrinna dnubietna chif aħhna naħhfru lil min ħhata ġhalina, uleddaħhalna fit-tigrib, iżda aħhliſna mid-deni. Amen.

Min

DOTTRINA

M. Dite dunque l'orazione Demenicale.

D. Padre noſtro, che ſei ne'Cieli. Santificato ſia il nome tuo. Venga il regno tuo. Sia fatta la volontà tua, come in Cielo, così in terra. Dacci oggi il noſtro pane ſufficiente. E rimetti a noi li noſtri debiti, ficcome noi li rimettiamo, a chi ha peccato in noi. E non ci indurre in tentazione. Ma liberaci dal male, perchè tuo è il Regno, la Potenza, e la Gloria in eterno. Amen.

Chi

Hawn taħt tidher il-verżjoni tal-1786. Wieħed jista' jinnota d-differenzi ortografiċi bejn l-edizzjonijiet mitbugħa Ruma u dawk ippubblikati Malta.

NISRANI.

ghaſcia ma l' Ave Maria, u 'l Credo.

*M.* Ghid immela il Pater noſter.

*D.* Miſſierna, li inti fis-Smeuiet, jitkaddes iſmech. Tigi Saltnatech, icun li trid int, chif fis-Sema, heghda fl-ard. Hhobzna ta chol-jum atina il-lum, u ahhfrilna dnubietna, chif ahhna nahhfru lil min hhata ghalina, u leddahhalna fi-tigrib, izda ahhliſna mid-deni. Amen.

*M.* Min ghamilha hiedi l' orazioni?

*D.* Ghamilha Criſtu Sidna, u ghalhek hi l' aghzes mil'orazioni colha.

Sç-fiha

25

CRISTIANA.

con l'Ave Maria, e con la fede degli Appoſtoli.

*M.* Dite dunque l'orazione Domenicale.

*D.* Padre noſtro, che ſei ne' Cieli. Santificato ſia il nome tuo. Venga il regno tuo. Sia fatta la volontà tua, come in Cielo, cosl in terra. Dacci oggi il noſtro pane ſufficiente. E rimetti a noi li noſtri debiti, ſiccome noi li rimettiamo ai noſtri debitori. E non ci indurre in tentazione; ma liberaci dal male. Amen.

*M.* Chi ha compoſta queſta orazione?

*D.* L'ha compoſta Criſto Signor noſtro, e però è la più eccellente di tutte l' altre orazioni.

Din hija bażikament il-verżjoni li nirreċitaw illum. Hemm biss differenza waħda: flok *chif ahhna nahhfru lil min hhata ghalina* fi żmienna ngħidu 'bħalma naħfru lil min hu ħati għalina'. Wzzinu jużа biss żewġ kelmiet Rumanzi – *Missieri* (< Sqalli *misseri*) u *Amen*. Mill-bqija l-lessiku kollu huwa Semitiku. Interessanti l-forma arkajika tan-negattiv *leddahhalna* 'le ddaħħalna' (flok *ddaħħalniex*).[28] Mil-lat ortografiku l-katekista juża d-digraff *hh* flok il-*ħ* tal-lum – eż. *hhobżna, nahhfru* u *ahhlisna*, u d-digraff *ġh* flok l-*għ* tal-lum – eż. *ġhalina*. Wzzinu diġà jikteb iż-*ż* (bit-tikka) fil-kelma *hhobżna*[29] u s-sink fil-kliem *fl-ard*, *il-lum* u *fit-tigrib*.[30]

F'paġni 35–45 (l-ewwel edizzjoni), Wzzinu jipprovdi wkoll kummentarju qasir fuq il-*Pater Noster*. Interessanti li jfisser seba' talbiet, sempliċiment għax is-sitt petizzjoni li tidher fil-Vanġelu ta' San Mattew jaqsamha fi tnejn. Bħalu għamlu ħafna kittieba oħra.

## Agius de Soldanis (*c*.1761)

Lejn nofs is-seklu tmintax (*c*.1761), fit-tieni edizzjoni tal-grammatika (manuskritta) tiegħu 'Nuova Scuola dell'antica lingua Punica scoperta nel moderno parlare Maltese e Gozitano', Agius de Soldanis, fost ħwejjeġ oħra, inkluda t-tmien djalogi 'folkloristiċi' tiegħu u xi talb bil-Malti bħalma huma l-*Pater Noster*, il-'Kredu', il-'Litanija tal-Madonna' u l-*Miserere*.

*Messierna li ent fe Smeuiet,*
*jetkaddes esmek,*
*tigi e Saltnatek, u Saltna Tighak*
*ikun li tri tent, kif fe Sema hekda flart.*
*Chobzna ta koġlum, atihulna e lum,*
*u achfrelna dnubietna, kif ahhna n-ach-*

28 Din il-forma xi kultant għadha tintuża mill-adulti meta jindirizzaw lit-tfal (eż. *Le tiekol jekk toqgħod imqareb*) jew f'diskors rettoriku (eż. *Nina sfaret f'daqqa waħda u le tniffset).* Ara J. Aquilina, *Maltese-English Dictionary*, vol. i, Midsea Books, Malta, 1987, 734 *sub* 'le'. Anki l-verbi li jieħdu l-partiċella *la* tal-imperattiv negattiv għal ħafna żmien, partikolarment qabel l-1875, ma kinux jispiċċaw bil-morfema *-x* – eż. *la toqtol, la tizni, la tixhed haga b'ohra* tad-Dekalogu. Vella, p. 35.

29 Innota li fil-verżjoni oriġinali (1752), l-ewwel *h* għandha tikka fuqha.

30 Il-kelma *tigrib*, f'edizzjonijiet oħra (eż. 1789, 1795, 1809, 1816, 1823, 1839, 1843, 1871, 1875, 1882, 1894) tidher *tigrif.* Din il-kelma baqgħet tidher saħansitra f'xi verżjonijiet li dehru fis-seklu għoxrin.

*Fru lel min chata ghalina*
*U le dachalniesc fe tagrif*
*Eżda achlesna me deni. Hek hua.*[31]

Agius de Soldanis jidher li kien l-ewwel wieħed li nqeda bil-formula 'la ddaħalniex' (bix-*x* tan-negattiv, anki jekk jagħtiha *sc* a la Taljana). L-influwenza Taljana tidher ukoll fl-użu tal-*gl* (flok -*lj*-) fil-kelma *koġlum* 'kuljum'. Idjosinkrazija interessanti hija l-użu tal-vokali *e* flok l-*i* standard tal-lum fi kliem bħal *ent* 'int', *fe* 'fi', *esmek* 'ismek' u *eżda* 'iżda', eċċ. Aktarx li hija rifless djalettali.

Il-lingwista u storiku Gio Pietro Francesco Agius de Soldanis huwa l-awtur tal-ewwel grammatika tal-Malti li qatt ġiet stampata, *Della Lingua Punica presentamente usata da Maltesi* (1750), kif ukoll tad-dizzjunarju manuskritt 'Damma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fom tal Maltin u Ghaucin' (4 volumi, *c.*1755).[32] Il-kanonku Għawdxi appuntu jinqeda bit-talba tal-'Missierna' biex mingħalih jipprova li l-Malti huwa lingwa ta' nisel Puniku.[33]

## Hervás (1787)

Lorenzo Hervás y Panduro (1735–1809) kien Ġiżwita Spanjol, poliglotta u filologu famuż. Il-kapulavur tiegħu kien it-trattat kożmoloġiku fi 22 volum intitolat *Idea dell'Universo* (1778–92). Volumi XVII (*Catalogo delle lingue conosciute*, 1784), XX (*Vocabolario poligloto*, 1787), u XXI (*Saggio pratico delle lingue*, 1787) ta' din l-enċiklopedija fihom xi tagħrif fuq il-Malti, inkluż listi sħaħ ta' kliem. Hervás iserraħ sostanzjalment fuq dak li qara f'*Della Lingua Punica* (1750) u dejjem jirreferi għall-Malti bħala 'Punico-Maltese'.[34]

Xhieda tal-ħiliet komparattivi ta' Hervás hija l-ġabra tal-'Missierna' fi 307 lingwi differenti (apparti s-siltiet b'22 lingwa oħra) – xi wħud annotati b'kummenti grammatikali. Hervás kien

31 BNM, MS 144, ff. 311–14.

32 Għal informazzjoni dettaljata fuq Agius De Soldnais, ara Cassar-Pullicino, 47–70 u *Journal of Maltese Studies 27. Essyas on de Soldanis*, ed. O. Vella (Malta, 2010).

33 Agius De Soldanis, *Della Lingua Punica*, 59.

34 Ara M. Cassar, 'Don Lorenzo Hervás, Ġanfranġisk Agius de Soldanis, u l-Ilsien Malti,' *Symposia Melitensia*, Num. 5 (2009), 31–44.

aktarx influwenzat minn Gessner, l-awtur tal-*Mithridates* (1555). Il-ktieb *Saggio pratico delle lingue con prolegomeni e una raccolta di Orazioni Dominicale in più di trecento lingue e dialetti* (1787) jinteressana mill-qrib għax fih Hervás jagħti verżjoni tal-*Pater Noster* anki bil-Malti. It-talba bil-Malti hi mifruxa silta silta fuq pp. 178–83:

*Missierna li inti ph' ismezijet:*
*icun imkades lijem tihech:*
*tigi issaltna: icun mahmul dach li trit,*
*kiph ph'issema u hhecda phlart.*
*Hhobjna ta kuglium atihhuna ilum*
*Ahhfrinna min dnubietna,*
*phha l'ahhna nahhfru min hhata halina:*
*U' giahinniy nachhu fi tentazioni:*
*ma harisna min kull deni.*

L-alfabett użat minn Hervás f'din it-talba jixbah ħafna lil dak ta' Agius de Soldanis (q.v.). Juża pereżempju d-digraff *hh* fi kliem bħal *ahhna* ('aħna') u *nahhfru* ('naħfru'), għalhemm imbagħad jużah ukoll fil-kelma *hhecda* ('hekkda'). Tgħid għax l-akka f'dak iż-żmien kienet tinstema'? Flok l-*għ* tal-lum jikteb *h* – eż. *tihech* ('tiegħek'), *mahmul* ('magħmul'), u *halina* ('għalina'). Billi jikteb wkoll *harisna* ('ħarisna') bl-istess grafema, nissuspettaw li anki l-*għ* kienet titleħħen f'dak iż-żmien. Interferenzi grafiċi interessanti huma l-*ph* Griega fi kliem bħal *kiph* ('kif') u *ph'* ('fi'), kif ukoll il-*gl* Taljana fil-kelma *kuglium* ('kuljum'). Il-grafema *j*, toqgħod għall-ħoss *s/ż* tal-lum – eż. *lijem* ('l-isem') u *hhobjna* ('ħobżna').[35] Is-sintagma *agħtihuna llum* użaha Saydon fit-traduzzjoni tiegħu tal-'Missierna'.

## Krayewski (1785–1800)

Fl-1785, matul ir-renju ta' Pawlu I tar-Russja, il-vjaġġatur Gregorij Krayevski żar Malta u aktar tard kiteb monografija bl-isem *Kratkoye Tipograficheskoye, Istoricheskoye i Politicheskoye Opisaniye Ostrova Malti* (*A Typographical, Historical, and Political Description of the*

35 Din il-grafema tidher bnadi oħra fl-opra ta' Hervás – eż. *lipja* ('libsa') u *lijar* ('liżar').

*Island of Malta*, żewġ volumi, St Petersburg, 1800–01).[36] Krayewski ġie Malta apposta biex jiġbor tagħrif fuq gżiritna; f'din il-missjoni kien aktarx megħjun minn Psaro, li lokalment kien jirrappreżenta l-interessi diplomatiċi tal-Kżar fi żmien il-Gran Mastru de Rohan.[37]

Krayevski jagħti n-numri bil-Malti, apparti 36 kelma bil-Malti bħala eżempju tal-lingwa; fosthom insibu: *Alla* 'high', *barra* 'strong', *bieb* 'gate', *biceri* 'early morning', *chabba* 'love', *Chaia* 'life', *taila* 'salvation', *effem* 'corp', *leill* 'darkness', u oħrajn. Skont ir-Russu, kelmiet bħal dawn huma mnissla mill-Għarbi … u mill-ilsien Etjopiku; oħrajn mis-Sirjak … imma l-parti l-kbira mill-Feniċju. Krayevski jagħti wkoll verżjoni sħiħa tal-*Missierna* bi traduzzjoni Russa.[38] Għajr għal xi differenzi ċkejkna, jikkopja l-verżjoni mogħtija minn Maius (q.v.).

Missier tnai, inti li dal sema,
Jeun imbierec I nom tiah.
Cia il' art tiah,
Jeun mamlua il volunta tiah,
Chif fil sema, hec fil l'art,
L'hops ta nai coillium atina illum,
Et affirna dnubietna, chif huahna
n'ahflu a l'uhrai,
Vm'a tamehl schei l' i na cau fil
tentatione,
Ma liberana dal malo,
Aliès taih ia il dignia, unt tista
collohrs hiafin alla deiem, Amen.

36 Huwa jikteb hekk: 'The natural islanders have their own particular language which is somewhat close to the African Arab … In cities, especially in Valletta, besides this natural language, Italian is used and some also speak French, Spanish, Portuguese, and Turkish … but otherwise throughout the island … they talk only in one language … where it is deemed as being a purer language than that used in the cities … since here many foreign words encroached on the language ... The written script … is in Latin or Italian and they write in the European fashion, that is from left to right … Many scientists [scholars] believe that the Maltese received and established their language from the ancient Carthaginians, but now it is in a vulgarised form … one of the proofs handed down is the Augustinian proverb found in XIV of Punic verse … *Nummun quaerit peftilentia, duos illi da, ut ducat fe*, which is the same in Maltese ... *Il flus iffitiech peft, tnei attieh, li iehdoc inkella ... li utmur beit m'inek …*' Cf. Ġ. Schembri, *The Malta and Russia Connection: A History of Diplomatic Relations Between Malta and Russia (XVII–XIX cc.) Based on Original Russian Documents* (Malta, 1990), 34.

37 Ħafna mill-osservazzjonijiet ta' Krayewski huma meħudin mill-ktieb ta' Saint-Priest (1791). Ara *Description of Malta* (1801). Ir-Russu jagħti deskrizzjoni ħafifa ta' Malta u jipprovdi storja qasira tal-Ordni ta' San Ġwann. Ara T. Freller, *Malta and the Grand Tour* (Malta, 2009), 40.

38 Schembri, 34.

## *Description of Malta* (1801)

L-ewwel verżjoni tal-'Missierna' bil-Malti li dehret matul il-perjodu Ingliż kienet dik stampata fil-ktieb *A Description of Malta, with a Sketch of its History and That of Its Fortifications. Translated from the Italian with Notes by an Officer Resident on the Island.* Dan il-volum anonimu, prattikament traduzzjoni tax-xogħol ta' François-Emmanuel de Guignard, Comte de Saint-Priest, *Malte par un Voyageur François* (1791), kien mitbugħ hawn Malta stess fl-1801.[39] Filwaqt li Saint-Priest ta tliet għanjiet tradizzjonali bħala kampjun tal-Malti, il-kittieb Ingliż ipprepfera jagħti l-verżjoni Maltija tal-'Missierna', ikkupjata b'xi differenzi ortografiċi żgħar minn fuq Wzzinu. F'p. 42 naqraw: '*The forthcoming version of the Pater Noster is a specimen of the manner in which it is at present written, and here it may be remembered that the affinity between this language and that spoken on the coast of Barbary is so great, that the natives of each country are reciprocally understood.*'

> *Missierna li inti fis smeuit, jitkaddes ismech. Tigi saltnatech icun li trid int chif fis sema, heg da ff.ard. Hhobzna ta choljum atina il-lum u ahhfrilna dnubietna chif ahhna nahhfru lil min hhat ghalina u leddahhalna fi tigrif izzda ahhlisna middeni. Amen.*

## Anderson (1802)

Aeneas Anderson kien logutenent fl-40 Reġiment tal-Armata Ingliża li ppubblika l-memorji tiegħu bl-isem *A Journal of the Forces which sailed from the Downs in April 1800 ... with a Particular Account of Malta, during the time it was subjected to the British Government* (London, 1802). Matul din l-espedizzjoni, li huwa jsejjaħ 'sigrieta', il-kontinġent tiegħu għadda minn Minorca u Malta qabel ma baqa' sejjer Lixandra. Fost ħafna tagħrif dwar Malta, jagħti verżjoni bil-Malti tal-'Missierna' (p. 173), għal darba oħra msejsa fuq il-verżjoni ta' Wzzinu:[40]

39 It-traduttur Ingliż proprjament qaleb ix-xogħol ta' Saint-Priest minn verżjoni bit-Taljan li dehret fl-1800. Hu ddedika l-ktieb lil Major General Pigot, kmandant tal-Forzi Ingliżi f'Malta. Ara M. Cassar, 'Il-Konti Saint-Priest, Giacchino Navarro, u l-Ewwel Poeżiji Ppubblikati bil-Malti,' *Symposia Melitensia*, Num. 4 (2007), 53–65.

40 Anderson jikteb hekk: 'The following version of the *Pater Noster* is a specimen of the manner in which it is at present written; and here it may be remembered, that the affinity between

*Missierna li inti fis emeuit, jitkadden ismech. Tigi saltnatech icun li trid int chif fis sema heg da ff-ard. Hhobzna ta cholium attina il-lum u ahfrilna dnubietna chif ahhna nahhfou lil min khat ghalina u ieddakhal na fi tigrif izzda ahhtisna middeai. Amen.*

Il-verżjoni li jagħti Anderson, aktar tard, intużat minn kittieba Ingliżi oħra, imqar b'xi varjazzjonijiet ortografiċi żgħar. Pereżempju, dehret fl-1807 fit-tielet volum (p. 265) tax-xogħol enċiklopediku *A System of Geography* (Glasgow) kompilat mil-Literary Society. Imbagħad, fl-1835, dehret fil-ħames volum (p. 218) tas-sensiela *History of the British Colonies*, intitolat *Possessions in Europe* (London), ta' Robert Montgomery Martin F.S.S. (c.1803–68).[41] Innota, madankollu, l-użu tawtoloġiku ta' *tiġrib* u *tentazzjoni* f'din il-verżjoni partikolari.

*Missierna li inti fis meuiet jitkaddes ismech, tigi saltnatech icun li trit int chif fis-sema hegda flart. Hhobsna ta culium atina iilum u Ahhfrilna dnubietna chif ahhna nahhfru lil min hhata ghalina u laddahhalnna fittigrif ta tentazzioni isda ehhlisna middeni. Amen.*

Fl-istess sena, il-'Missierna' ta' Anderson tfaċċat ukoll fir-rivista *The Mirror of Literature, Amusement, and Instruction*, vol. 26, ed. Thomas Byerley & John Timbs (London, 1802), 445. Fl-1845 kienet inkluża fl-*Encycopaedia Metropolitana* (p. 720). Din l-enċiklopedija kienet imxandra f'Londra bejn l-1817 u l-1845 fi 30 volum (59 parti), aktarx sabiex tikkumbatti t-tendenzi sekulari tal-*Encyclopaedia Britannica*.

## Anot u Malfillatre (1802)

Fl-1802 dehret verżjoni oħra tal-*Pater Noster* bil-Malti, din id-darba fil-ktieb Franċiż *Les Deux Voyageurs* (Rheims). Dan kien miktub minn Pierre Nicolas Anot, awtur ta' *Guide de l'Histoire*, li għal xi żmien kien viċi prinċipal tal-Kulleġġ Universitarju ta' Rheims, u François Maltfillatre,

this language and that spoken on the coast of Barbary is so great, that the natives of each are reciprocally intelligible to each other.'

41 Martin kien Teżorier tal-Gvern Ingliż f'Hong Kong u membru tal-Kunsill Leġiżlattiv fiċ-Ċina. Kien ukoll ġeografista u awtur prolifiku ta' monografi dwar l-Imperu Britanniku. Kiteb b'mod estensiv dwar Malta fil-*History of the British Possessions in the Mediterranean, Comprising Gibraltar, Malta, Gozo and the Ionian Islands* (London, 1837).

li qabel kien membru tal-Ordni Ġerosolimitan ta' San Ġwann. L-awturi jagħtu wkoll verżjoni bil-Malti tal-*Ave Marija*. Iż-żewġ talbiet huma meħudin essenzjalment mill-katekiżmu ta' Wzzinu, imma bħal f'Maius il-'Missierna' (pp. 69–70) tispiċċċa bil-formula Semitika 'Hekk ikun'.[42]

*Missierna, li intif'smeut, t'kaddes ismeck, tigi saltnatech, icun li tridt int kiff'sema, ech da f'lard; hobzna ta collium hatina illum, un hafrilna dnubietna; kif ahna nahafru lil min hat ghalina, un leddaisna f'tigrif, izda ahlina mit deni. Ech icun!*

## Jean-Joseph Marcel (1805)

Verżjoni oħra tal-'Missierna' msejsa fuq Wzzinu dehret fil-ktieb *Oratio Dominica cl linguis versa*. Dan il-volum, editjat minn Jean-Joseph Marcel, kien mitbugħ fl-Istamperija Imperjali ta' Pariġi fl-1805, fl-eqqel tal-epoka Napoleonika.[43] Marcel, direttur tal-istess stamperija, jinkludi din il-*Pater Noster* bit-titlu 'Oratio Dominica. Idiomate Melitensi', fit-tielet parti tax-xogħol, intitolata 'Linguas Africanas Complectens' (p. 121). Taħt it-talba tidher il-kitba: *Ex compendio doctrinæ christianæ Metit. idiom. edito.*

*Missierna, li inti fis-smeuiet,*
*jitkad-des ismech; tigi saltnatech. Icun*
*li trid int, chif fis-sema, heg-da flard.*
*Hhobzna ta choljum atina il-lum. U*
*ahhfrilna dnubietna, chif ahhna nahhfru*
*lil min hhat ghalina. U leddahhalna*
*fi-tigrif; izzda ahhlisma middeni.*
*Amen.*

42 Fil-ktieb naqraw dan li ġej (traduzzjoni provduta minn Dr Toni Aquilina): 'Hawnhekk it-Taljan hu l-ilsien tal-kummerċ, li jgħaqqad in-Nazzjonijiet kollha; madankollu, mhux talli mhux dak tal-pajjiż, talli r-raħħala lanqas biss jafuh. Dawn jitkellmu Għarbi mkisser, imħallat mal-Feniċju: trid nagħtik kampjun? Hawn huma l-*Pater* u l-*Ave*, bil-Malti; u, jekk timxi mal-verżjoni bil-Latin, ikollok it-traduzzjoni kelma b'kelma. … Barbaru kemm hu barbaru dan l-ilsien, xorta waħda xtaqtni nkun nista' nisimgħu; kien jirnexxili nsir aktar midħla tiegħu, li kelli l-għajnuna ta' xi kotba; iżda ħlief il-Katekiżmu fil-Gżira [ta' Wzzinu] ma teżisti ebda biċċa bil-Malti.' Anot u sieħbu wettqu l-vjaġġi tagħhom bejn l-1791 u l-1802.

43 Marcel kien awtur ta' diversi kotba ta' natura storika u lingwistika, fosthom *Dictionnaire Français-Arabe des dialectes vulgaires d'Algerie, de Tunisie, du Maroc et d'Egypte* u *Egypte depuis la conquéte des Arabes jusqu'e à la domination français*.

Fi żmien sena (1806), dehret verżjoni oħra ta' dan il-ktieb tassew sabiħ, din id-darba mitbugħa f'Parma fl-istamperija ta' Gian Battista Bodoni – *Oratio Dominica in CLV linguas versa et exoticis characteribus plerumque expressa*. Il-verżjoni tal-'Missirena' bil-Malti, din id-darba, dehret f'p. 202.[44] It-test hu identiku.

## Adelung (1806)

Fis-snin bejn l-1806 u l-1817, deher ix-xogħol f'ħames volumi *Mithridates, oder allgemeine Sprachenkunde* (Berlin) ta' Johann Christoph Adelung (1732–1806), li ħa l-isem tal-ktieb mix-xogħol ta' Gessner. Bħalu bbaża l-paraguni bejn il-lingwi fuq kampjuni tal-'Missierna' f'madwar elf lingwa, ikkompilati wara l-1809 bl-għajnuna ta' Johann Severin Vater (1771–1826).[45] Adelung iddedika sitt paġni sħaħ għall-ilsien Malti, u inkluda wkoll tliet verżjonijiet tal-*Pater Noster* bil-Malti – dawk ta' Maius (q.v.), Hervás (q.v.), u Wzzinu (q.v.). Adelung jikkritika l-kampjun ta' Hervás għax hu miktub b'Għarbi ħażin, kemm mil-lat lessikali kif ukoll mil-lat ortografiku.[46] Hawnhekk qed nagħtu biss il-verżjoni ta' Maius biex ninnutaw id-differenzi marġinali bejn dawk editjati minn Graevius u Adelung (pp. 416–17).

*Missier tanai, inti li dal Sema,*
*Icun imbierec i Nom tiah;*
*Dscha il Art tiah;*
*Itcun mamluna il Voluntà tiah, chif fil*
*Sema, heoc fil l'Art;*
*L'Hops tanai coillium atina illum;*
*Et affirna Dnubietna chif huahna n'ahflu*
*a l'uhrai;*
*V m'a tamehl shei l'i nacau fil Tentationi;*

44 Kopja ta' dan il-ktieb, iddedikat lil Eugène-Napoléon (viċirè tal-Italja u iben Napuljun) u martu Auguste-Amélie, tinsab fil-BNM (TE.11.26).

45 *The Encyclopedia of Language and Linguistics*, ii, 630.

46 Adelung, *Mithridates*, 416–19. Adelung kien grammatiku u filologu Tedesk. Studja t-teoloġija fl-Università ta' Halle u għallem f'Erfurt u Leipzig. Fl-1787 kiseb impjieg fiss bħala kap librar fil-bibljoteka *Kurfürstlich* ta' Dresden. Baqa' magħruf l-aktar għad-dizzjunarju tal-Ġermaniż *Grammatisch-kritisches Wörterbuch der hochdeutschen Mundart* (1774–86). Ara wkoll Kontzi, 23–4.

*Ma liberana dal Malo.*
*Ali es tiah ia il Dignia, unt Tista, collohs hiasin alla Deiem. Amen.*

L-orjentalist magħruf Wilhelm Gesenius (1786–1842), Tedesk ieħor, irriproduċa l-istess tliet verżjonijiet tal-*Missierna* fil-ktieb tiegħu *Versuch über die Maltesische Sprache* (*Stħarriġ dwar l-Ilsien Malti*), ippubblikat f'Leipzig fl-1810.[47] Fl-edizzjoni tal-1820 jidhru f'paġni 35–8.

## Camilleri (1845)

Rev. Michelangelo Camilleri kien saċerdot Kattoliku mill-Birgu li qaleb Protestant. L-Isqof ta' Ġibiltà, George Tomlinson, qabbdu jaqleb għall-Malti l-*Book of Common Prayer* tal-Knisja Anglikana. Ix-xogħol, li kien jinkludi s-Salmi kollha ta' David, tlesta fi żmien sena; deher bl-isem ta' *Ktieb it Talb ta' Āalenia* u kien mitbugħ lokalment fl-istamperija ta' M. Weiss fl-1845. Fit-traduzzjoni tinħass sew l-influwenza purista ta' Vassalli, imma l-istil ta' Camilleri huwa definittivament aktar mexxej.[48] Il-ktieb jinkludi wkoll it-talba tal-'Missierna' (p. 206).

Camilleri juża l-grafema *ħ* tal-lum (eż. *naħfru, ħati*) u saħanistra l-*Ħ* kapitali (eż. *Ħobżna*). Juża l-grafema *y* flok l-*j* tal-lum (eż. *Yitqaddes, yum*) u l-grafema *j* flok il-*ġ* tal-lum (eż. *tijina, tijrib*). Ninnutaw is-sinjal dijakritiku fuq il-*w* ta' *smewiet* biex jindika l-ġeminazzjoni tal-konsonanti u s-sinjal dijakritiku fuq l-ewwel *a* ta' *aalina* biex jindika l-preżenza tal-*għ*. Interessanti wkoll s-sintagma *tijina saltnatek* flok *tiġi saltnatek*.

47 Gesenius, f'dan il-ktieb, waqqa' t-teorija ta' Johann Joachim Bellermann li l-Malti għandu nisel Puniku u fisser ix-xebh kbir bejn il-Malti u l-Għarbi.

48 Eventwalment, għas-Society for Promoting Christian Knowledge, Camilleri rreveda l-Erba' Vanġeli u l-Atti tal-Appostli tradotti minn Vassalli u kompla sakemm temm it-Testment il-Ġdid kollu bil-Malti bbażat fuq il-verżjoni *King James*. Ix-xogħol sħiħ ħareġ mill-istess stamperija fl-1847. Camilleri għamel xi snin missjunarju fl-Afrika t'Isfel u miet l-Ingilterra. Ara L. Cachia, *Ħabbew l-Ilsien Malti* (Malta, 2000), 173—5.

*Il åamla u il kif isiru id Dyakni.*

*Ya bin Alla: nitolbuk tismaåna*
Ya Ħaruf t' Alla: li tneħħi id dnubiet tad dinya;
*Atina is sliema tiåek.*
Ya Ħaruf t' Alla: li tneħħi id dnubiet tad dinya;
*Ħenn åalina.*
Ya Kristu, ismaåna.
*Ya Kristu, ismaåna.*
Muley, ħenn åalina.
*Muley, ħenn åalina.*
Kristu, ħenn åalina.
*Kristu, ħenn åalina.*
Muley, ħenn åalina.
*Muley ħenn åalina.*

¶ *Mbaåd il Qassis u in nies iåidu flimkien Talbet Muleyna.*

MISSIERNA li int fis smew̃iet, Yitqaddes Ismek; Tijina saltnatek; Ikun li triđ int kif fis sema, hekda fl' ard. Ħobzna ta' koll yum atina illum. U aħfrilna dnubietna, Kif aħna naħfru il min hu ħati åalina. U la iddaħħalniesh fit tijrib; Izda eħlesna mid deni. Amen.

*Qassis.* Ya Muley, la tmursh mååna kif nistħoqqu åal dnubietna.

*Twejiba.* Lanqas troddilna kif yitolbu ħzuniyietna.

Nitolbu.

YA Alla, Missier ħanin, li ma tmaqdarsh it tnehid ta' qalb måaffja, lanqas ish shewqa ta' minn hu mdeỹaq; leqaf bil ħniena kollha mat talb taåna li nitolbuk fit taħbit u il åawj kollu taåna, kollmeta nsibu ruħna mdeyqin bihom; u ismaåna bil ħlew̃a, sabiesh id deni, li il qerq u il ħyiena tash shitan ew il bniedem, yinsju aalina, yisfåu f' sheyn, u yinqered bil ftuħ tat tieba tiåek; u aħna il qaddeỹin tiåek mbaåd, billi ma nkunush maħqurin minn lebda taħbit, niståu deỹem nizzuk ħayr fil Knisya mqaddsa tiåek; b' Jesu Kristu Sidna.

*Ya Muley, qum, åinna, u eħlesna minħabba f' Ismek.*

YA Alla, aħna smayna b' widneyna, u missieriyietna qalulna bl' aåjubiyiet kbar li inti åamilt fi zmienhom, u fi zmien ilu qabelhom.

*Ya Muley, qum, åinna, u eħlesna f' jieħek.*

250

## Sulzer (1855)

Il-Professur Giuseppe Giorgio Sulzer kien saċerdot u lingwista li fl-1855 ippubblika x-xogħol importanti *Dell'origine e della natura dei dialetti comunemente chiamati romanici messi a confronto coi dialetti consimili esistenti nel Tirolo* (Trento).[49] F'dan ix-xogħol komparattiv Sulzer inkluda wkoll mitt verżjoni tal-*Pater Noster* b'lingwi differenti, fosthom il-Malti (talba nru 31, pp. 233–4).[50] Interessanti li dan reġa' waqa' għall-verżjoni mogħtija minn Maius.

49 Fil-2010 dan il-ktieb kien stampat mill-ġdid minn Kessinger Publishing (Montana).

50 F'nota Sulzer jikteb hekk: 'Ci sarebbe in quest'esemplare oltre le voci mauro-arabiche (*Sema* = cielo; *imbierec* = sia benedetto; *art* = terra; *l'Hops* = boccone, cioè pane; *atina* = dacci; *Dnubietna* = trasgressioni o debiti nostri) for'a nche qulache avvanzo di lingua Punica?'

*Missier tanai (Missierna), inti li dal Sema. Icun imbierec i Nom tiah. Dscha il Art (saltnatech, o, Issaltna) tiah. Itcun mamluna il Voluntà tiah, chif fil Sema, heoc fil l'Art. L'Hops tanai coillum atina illum. Et flirna Dnubietna chif huahua n'ahflu a l'uhrai. V m'a tamehi shei l'i nacau fil Tentationi; ma liberana dal Malo. Amen.*

## *Sokol* (1863)

Sors mhux mistenni hu l-ġurnal Slovakk *Sokol* ('Il-Bies') li fil-ħarġa ta' Mejju 1863 (sena II, nru 10) inkluda artiklu qasir bl-isem 'Obyvatelia Malty' ('L-Abitanti ta' Malta') akkumpanjat b'xi illustrazzjonijiet. L-editur u l-pubblikatur ta' din ir-rivista informattiva kien Vilém Paulíny-Tóth.[51] It-talba li tidher f'p. 225 hi din:

Missierna, li in ti fis smerijiet, ikun imkades lijem tiheck; tidschi isaaltna; igum mahmul dack li trit kiph ph'issema, u hhecda phlart; hlobina ta kuglium atihhuna illum; ahfrinna min dnubietna, phha l'ahhna nahhfru min hata halina; u giahinnyi nachhu fi tentazioni, ma harisna min kul deni, Amen.

Din il-verżjoni, bażikament, tirrepeti dik ta' Hervás b'xi differenzi ortografiċi. L-awtur jikteb (korrettament) li kemm fir-razza kif ukoll fil-lingwa Maltija hemm taħlita ta' elementi Għarab u Latini. Fil-fatt juża l-'Missierna' sabiex jipprova (skorrettament) li l-Malti mhu xejn għajr 'kawlata lingwistika'.[52]

## Apostolides (1869)

Fl-1869 S. Apostolides ħareġ il-volum *Our Lord's Prayer in One Hundred Different Languages* (London).[53] Il-ktieb, iddedikat lir-Re u r-Reġina tal-Greċja, kien mitbugħ speċifikament biex jgħin finanzjarjament il-ħafna refuġjati foqra li kienu waslu f'dak il-pajjiż minn Kreta. F'nota preliminari, il-kompilatur jirringrazzja lill-pubblikatur li daħal għal biċċa

51 Ir-rivista kienet stampata fi Skalica (fis-Slovakkja tal-Punent) imma s-sede editorjali kienet f'Budapest. Dak iż-żmien is-Slovakkja kienet għadha tagħmel parti mill-Imperu Ostro-Ungariku.

52 L-editur jikteb hekk: 'Ma jidhirlekx li [it-talba] hi xi ħaġa tassew stramba? Bħallikieku tħallat iċ-ċiċri, l-għads, il-piżelli u l-fażola u Alla biss jaf x'aktar biex bihom issajjar tagħsida.' Ħajr lil Jana Mifsud Novomeska li forniet it-traduzzjoni mis-Slovakk.

53 Edizzjoni oħra ta' dan ix-xogħol ħarġet fl-1900.

xogħol daqstant diffiċli billi kien l-uniku wieħed attrezzat biżżejjed biex jistampa għadd kbir ta' testi b'tipi daqstant differenti. Il-verżjoni bil-Malti tal-*Pater Noster* tidher f'p. 7.

MALTESE.

My-ssyrna, li ynt fyssmeuuŷt : jytquaddes
ysmek : Tygi saltnatek. Ykûn li trid ynt,
Kef fyssemœ, u fl'art. Hobzna ylmynhtŷg
atina y Uûm. U anfrylna djûnnœ, bhalma
ahna nan fru ukyl lyl mydjynin tanna
U la yddahhalnŷuŋ fytty-grĭb, yzdœ
yhlysna myd-deni. Amyn.

Din il-verżjoni hija interessanti għax għall-ewwel darba tuża alfabett li jinkludi l-grafema *y* għall-ħoss ta' *i/ie* (eku ta' Vassalli). Ħasra li ma nafux min kien l-informant ta' Apostolides. Madankollu, l-aktar ħaġa li tispikka hija s-sintagma *U anfrylna djûnnœ, bhalma ahna nanfru ukyl lyl mydjynin tanna* ('U aħfrilna djunna, bħalma aħna naħfru lill-midjunin tagħna') li terġa' tidher b'differenza ċkejkna fil-verżjoni ta' Rost (q.v.) .

## Marietti (1870)

Il-Kav. Petro Marietti (m. 1875) kien direttur tal-Istamperija tal-*Propaganda Fide* u ssorvelja għadd kbir ta' xogħlijiet reliġjużi mill-aktar prestiġjużi.[54] Fost dawn, jinteressana l-*Oratio Dominica in CCL. linguas versa et CLXXX charcterum formis* (Ruma, 1870). Din l-opra monumentali kienet iddedikata lill-Papa Piju IX. Il-verżjoni Taljana dehret bl-isem '*Padre Nostro' nelle lingue di tutto il mondo. 250 lingue per 2000 anni*

54 Missieru Giacinto kien nieda La Casa Editrice Marietti fl-1820 f'Turin.

*di storia.*[55] Dan ix-xogħol kiem mitbugħ mill-ġdid bl-isem *The Lord's Prayer in 250 Languages and 180 forms of Writing* (Evanston, 1975; u bl-isem *Padre Nostro nelle lingue di tutto il mondo* (Casale, 1995), bl-intervent illustrattiv ta' Wendall Jordan S. Kries.

XIX

IL PADRE NOSTRO

MALTESE ANTICO

Missierna, li inti fis-smeuiet, jyt¢addes ismek; tiri saltnatek. Ikun li trid int, kĭf fis-sema, hekka flard. Φobżna ta koljum âtina il-jum. u aΦfrildna dnubietna, kĭf aȣna naΦfru lil Φat Γalina. u leddaΦalna fitigrib; iżda aΦlisna middeni. Amen.

L-ortografija hawnhekk hija msejsa essenzjalment fuq l-alfabett ta' Vassalli (*Lexicon*, 1796), speċjalment minħabba l-użu tal-grafemi ¢ (għall-*q* tal-lum), г (għall-*ġ* tal-lum) u Φ (għall-*ħ* tal-lum). Mill-bqija, minflok il-formula preżenti 'agħtina llum' din il-verżjoni tagħti 'agħtina il-jum'.

XX

IL PADRE NOSTRO

MALTESE MODERNO

Missierna, li inti fis-smeuiet, jitqaddes ismek; tigi saltnatek. Ikun li trid int, kif fis-sema hekka flart. Hobżna ta koljum atina il-jum. u aħfrilna dnubietna, kif aħna naħfru lil ħat nalina. u leddahalna fitigrib; iżda aħlisna middeni. Amen.

55 F'din l-edizzjoni naqraw din it-tagħrifa: *Un'opera monumentale in omaggio al Concilio Ecumenico Vaticano I, un saggio di archeologia tipografica di altissimo livello, riproposto con un erudito e sapiente lavoro di traslitterazione.*

## Rost (1891)

Verżjoni tassew interessanti tal-*Pater Noster* dehret fil-ktieb *The Lord's Prayer in the Three Hundred Languages, Comprisng the Leading Languages and Their Princiapl Dialects throughout the World with the Places where Spoken* (Londra, 1891), kompilat minn Reinhold Rost (1822–96).[56] Dan ix-xogħol, mitbugħ fl-istamperija ta' St John's House, Clerkenwell, kien meqjus bħala 'kapulavur tipografiku' mid-*Daily News* ta' Londra. It-talba bil-Malti tidher f'p. 48:



*THE LORD'S PRAYER*

MALAYALIM. (*Travancore, &c.*)

[illegible]

MALTESE. (*Malta.*)

Missierna li int fis smeῶiet, Yitqaddes ismek. Tiji saltnatek. Ikun li trid int fl'ard, kif fis sema. Hobzna ta' koll yum atina illum. U aħfrilna dyunna, bħalma aħna ukoll naħfru il midyunin taåna. U la iddaħħalniesh fit tijrib, izda ehlesna mid deni: Åaliesh tiåek hi is saltna, u il qaῶa, u is sebħ, ħala deỹem. Amen.

MANDINGO. (*S. of Gambia River.*)

Ntolu fa membe Aryenato. Fo ys ito miselmoyandi. Fo ila mansaro si na; fo ilafio si ke dunyato, ko aketa Aryenato nyamenna. Domofingolu di ntolula bi hingola. Ntolula julolu tu ntoluye, katuko ntolu kare ntolula julomutalalu tu. Kana ntolu dundi ningeroto barri ntolu kisandi kujauola. Katuko itelo ta mu mansaroti, aning fankoti, aning tentoti, abada abada. Amini.

MANIPURA. (*South of Assam.*)

[illegible]

Qabelxejn jolqtuk il-konsonanti *y* u *j* (flok il-*j* u l-*ġ* tal-lum) fi kliem bħal *Yitqaddes*, *deyem*, *yum*, *dyunna*, *tiji* u *tijrib*. Interessanti wkoll is-sinjal dijakritiku li jidher fuq il-*y* u l-*w* biex jindika li l-konsonanti huma doppji – eż. *smeῶiet*, *qaῶa* u *deỹem*. L-istess sinjal jitfaċċa fuq l-*a* biex jindika l-preżenza tal-*għ* – eż. *taåna* (*tagħna*) u *tiåek* (*tiegħek*). Il-karattru *h* (bit-tikka fuqu) jidher flok il-*ħ* tal-lum – eż. *nahfru*, *sebh* u *bhalma*.

56 Kopja ta' dan il-ktieb tinsab fil-BNM (BN.6.80).

Din il-verżjoni tixbah xi ftit lil dik ta' Apostolides, iżda hemm xi differenzi. Rost, pereżempju, jagħmel inverżjoni sintattika u flok *kif fis-sema u fl-art* jikteb *fl-art kif fis-sema*, filwaqt li jneħħi l-frażi *lil min ħtieġ* (?) fir-raba' petizzjoni. It-talba, imbagħad, tagħlaq bid-dossoloġija – ħaġa li tirrifletti sors Protestant. Fil-fatt, mill-aspett ortografiku tidher l-influwenza evidenti ta' Camilleri (q.v.).

Edizzjoni riveduta u mkabbra tal-istess ktieb, bl-isem *The Lord's Prayer in Five Hundred Languages*, ħarġet mill-istess dar ta' pubblikazzjoni fl-1905. It-test Malti, din id-darba jidher f'p. 96, imma ma fih ebda tibdil minn dak oriġinali.

## Il-Katekiżmu l-Ġdid ta' Piju X (1908)

Fl-1905 il-Papa Piju X (1903–14) ippreskriva l-katekiżmu msejjaħ 'maġġuri' għall-provinċja ta' Ruma, imsejjes fuq dak li kien ikkompila Mons. Michele Casati fl-1765; dan imbagħad sar il-katekiżmu universali tal-Knisja Kattolika fl-1913. L-Isqof Pace talab permess mill-Vatikan biex issir traduzzjoni bil-Malti, biċċa xogħol li eventwalment twettqet mill-Vigarju Ġenerali, Mons. Salvatore Grech, D.D. (1856–1910), kittieb prolifiku u predikatur magħruf.[57] Il-katekiżmu kien lest fl-1907 u s-sena ta' wara beda jintuża wkoll fl-iskejjjel, imma ma tantx kiseb suċċess.[58] Minkejja li fl-1882 kien ħareġ l-alfabett tax-Xirka Xemija, il-katekiżmu ta' żmien l-Isqof Pace baqa' fidil lejn l-ortografija tal-*Accademia Filologica*. It-test tal-*Pater Noster* huwa dan:[59]

Missierna li inti fis-Smeuuiet,

1. Jitkaddes ismech.

2. Tigi saltnatech.

3. Icun li trid Int chif fis-sema echda fl'art.

4. Ħobsna ta cull jum atina illum.

5. U aħfrilna dnubietna, pħal ma naħfru lil min hu ħati ghalina.

57 Ta' 22 sena, Grech inħatar professur tal-Iskrittura u rettur tas-Seminarju mill-Isqof Scicluna. Fl-1904 l-Isqof Pace nnominah vigarju ġenerali tad-Djoċesi. Ara *Dictionary of Maltese Biographies*, ii, ed. Michael J. Schiavone (Malta, 2009), ii, 961.

58 Sciberras, 50.

59 Din il-verżjoni hija meħdua mill-ħames edizzjoni tal-ktieb imsemmi (p. 10). Eżattament warajha tidher il-*Pater Noster* bil-Latin. L-ortografija tat-test, għajr għal xi differenzi żgħar, hija kważi identika għal dik tal-verżjoni li dehret fit-*Tagħlim Nisrani* tal-istess sena (1908).

6. U la iddaħħalniex fit-tiġrib.
7. Izda eħlisna mid-deni. Ech icun.

Fl-1924, ir-Rev. C. Diacono ħareġ addattament tal-istess katekiżmu għat-tfal tal-iskejjel elementari statali bl-isem *Catechismu ghal Cbar Ordnat mil Papa Piu X bis-Sensia tal Cnisja*. Il-katekiżmu kien maqsum fi tliet partijiet – għall-klassijiet tar-raba', il-ħames, u s-sitt sena. It-tifsir fuq il-'Missierna' jidher f'pp. 23–37 tat-tieni parti. It-test innifsu tal-*Pater Noster*, deskritta bħala 'it-talba vokali l-aktar nobbli', jidher f'p. 23.

*Missierna, li inti fis-smeuuiet*
*Jitkaddes ismec*
*Tigi Saltnatec*
*Icun li trid Int, chif fis-sema hecda fl'art*
*Ħobzna ta cull jum atina illum*
*Aħfrilna dnubietna, chif aħna naħfru lil min hu ħati ghalina*
*U la ddaħħaln*[*a*] *fit-tiġrif*
*Izda eħlisna mid-deni. Hecc icun.*

## Carmelo Agius (1912)

Verżjoni pjuttost idjosinkratika tal-*Pater Noster* tidher f'manuskritt oriġinali ta' Carmelo Agius mill-Birgu.[60] Dan niseġ *Dotrina Nisranija* li skont kliemu stess kienet 'dikjarazzjoni aktar miftuħa tad-Duttrina Nisranija'. F'Kap. XIV (pp. 40–52) tidher kitba twila bl-isem 'Tifsir tal Pater Noster'. L-awtur bażikament isegwi s-sistema tal-katekiżmu ta' Wzzinu, imma jżid bosta referenzi fil-qiegħ tal-paġni. Agius jikteb il-talba tal-'Missierna' f'p. 40.

Missiernha li inti f'is-smewwiet jitkaddes ismech; tigi saltnatech; tcun maghmula il volontà tighech, chif f'is-sema ech fl'art. Ħobżnha ta cull jum ghatighilna illum; aħfrilna dnubietnha, pħalma aħna naħfru lil min hu ħati ghalina; la 'd-daħħalniex f'it-tiġrief, iżda eħlisnha m'id-deni. U ech icun.

60 Dan il-manuskritt ingħata lil-Librerija tal-Università Rjali ta' Malta fl-1959 minn Lorenzo Zahra u llum jinsab fis-sezzjoni Archives and Rare Books, MS 250a.

Agius jerġa' lura għas-sintagma 'tcun maghmula il volontà tighech' (użata minn Maius u mhux minn Wzzinu); juża s-sintagma 'lil min hu ħati ghalina' li ma tinsabx fil-katekiżmi tal-1908 u l-1911; u jagħlaq bil-formula 'U ech ikun' – aktarx l-uniku wieħed li qatt żied il-konġunzjoni *U*. Interessanti kif is-suffiss prenomninali *-na* jiktbu *-nha* (eż. *Missiernha*, *Ħobżnha*, *dnubietnha*, *eħlisnha*), għalkemm mhux konsistentiment għax imbagħad jikteb *ghalina* u *ghatighilna*.

## Il-'Missierna' bil-Malti f'Ġerusalemm




Il-kunvent tal-*Pater Noster* tas-Sorijiet Karmelitani nbena fis-snin sebgħin tas-seklu dsatax fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, ftit 'il barra minn Ġerusalemm, appuntu fuq is-sit fejn it-tradizzjoni tgħid li Ġesù għallem il-Missierna lill-appostli.[61] Il-ħitan tal-kjostru huma mżejna b'140 plakka taċ-ċeramika, li fuqhom wieħed jista' jaqra l-*Pater Noster* b'daqstant lingwi differenti. Fost tant oħrajn hemm plakki bl-Ebrajk, l-Aramajk, u l-Malti (mhux bl-ortografija tal-Għaqda).[62] Xi ilsna oħra huma tassew eżotiċi, inklużi t-Tagalog, il-Pampagno, u l-Ojibwary. Patri Ġwann Abela jiddeskrivi l-plakka bil-Malti bħala 'sinjal ieħor tal-qalb Maltija fl-Art Imqaddsa'.[63]

61 Il-Franċiżi rnexxielhom jakkwistaw il-post fl-1868 u fih ġew jgħammru s-sorijiet Karmelitani fl-1874. Ara Ġ. Abela, *L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani*, Malta, 1994, 111. Il-bini tal-kumpless kien sponsorjat mit-Taljana Aurelia Bossi, aktar tard Prinċipessa de la Tour minħabba ż-żwieġ tagħha ma' membru tal-familja Rjali Franċiża. Tinsab midfuna f'mużulew fl-istess kumpless.

62 L-awtur preżenti żar dan il-post u ra b'għajnejh il-plakka bil-Malti fl-1984.

63 Abela, 112.

## Dun Alwiġ Galea, Dun Karm Farrugia (1935), u Dun Ġorġ Preca (1943)

Żewġ saċerdoti Maltin li kitbu studji oriġinali fuq l-*Pater Noster* kienu Dun Alwiġ Galea (1851–1905) u San Ġorg Preca (1880–1962). Galea kien teologu u awtorità fuq il-kitbiet ta' San Tumas.[64] Fost ħafna xogħlijiet ta' riflessjonijiet reliġjużi, huwa kiteb 'Il Misierna imfissra'. Il-verżjoni mogħtija hawn taħt, meħuda mill-Vanġelu ta' San Mattew, hija dik li dehret wara mewtu fil-ktieb *Tahdid ghat-tfal* (bla data), p. 80.[65]

> Missierna, li inti fis-smeuuièt: jitkaddes Ismech. Tigi saltnatech: icun li trid chif fis-sema hecda fl-art. Ħobżna ta' culljum atina illum. U aħfrilna dnubietna, chif aħna ukoll naħfru lill min ħati għalina. U lè d-daħħalna fit-tiġrif; iżda eħlisna mid-deni. Amen.

Fl-1943, imbagħad, Dun Ġorġ Preca, fundatur tal-MUSEUM, ħareġ il-ktieb *Il-Missierna* (Malta) bl-ortografija tal-Għaqda tal-Malti.[66] Bħal Wzzinu (q.v.) u Galea, Dun Ġorġ jaqsam il-'Missierna' f'invokazzjoni u seba' talbiet u f'kull taqsima jipprovdi: (a) l-oriġinal (l-istess kliem ta' Kristu); (b) perifrasi (l-istess sens imqiegħed fi kliem ieħor); u (ċ) materjal dottrinali (tagħrif u tagħlim li għandu x'jaqsam mal-oriġinal). It-talba sħiħa tidher f'paġni 7–8.

Fl-1935, Dun Karm Farrugia, D.D. (1898–1979), għal bosta snin kappillan tal-Isqof Mauro Caruana, ħareġ il-ktieb *Tagħlim Nisrani fuq il-Katekismu tal-Kardinal P. Gasparri* (ukoll bl-ortografija tal-Għaqda).[67] It-talba tal-'Missierna' dehret fit-taqsima intitolata 'L-Ewwel Ktieb. Għat-Tfal iż-Żgħar' (p. 5). It-tifsir tal-'Missierna', analizzata f'seba' talbiet, imbagħad jidher fit-taqsima intitolata 'It-Tieni Ktieb. Għat-Tfal li Għamlu l-Ewwel Tqarbina' (pp. 84–7). F'dan il-ktieb il-*Pater Noster* hi deskritta bħala 'it-talba l-iżjed perfetta' (p. 84). Il-katekiżmu ta' Farrugia ġie mitbugħ kemm-il

64 Għal tagħrif bijografiku u bibljografiku dwar Galea, ara Schiavone, ii, 878–79.

65 Il-kummentarju kollu jidher f'pp. 77–93. Galea jikteb (p. 80) li: 'Xi Santi Padri bħal San Ilarju u Santu Wistin kienu jsejħulha [il-Missierna] *it-talba ta' kuljum*, għax mill-kliem li fiha stess, jidher li għandha ngħiduha kuljum kuljum. Tertuljanu kien isejħilha "Il-ġabra tal-Evanġelju kollu", u San Ċiprijanu: "It-tagħlim tas-sema fi ftit kliem", imħabba t-tagħlim u t-talb li fiha [ortografija aġġornata].'

66 Il-ktieb kien stampat mill-ġdid fl-1992. Għal tagħrif bijografiku u bibljografiku dwar dan il-qaddis, ara Schiavone ed., ii, 1315–23.

67 Għal tagħrif bijografiku u bibljografiku dwar Dun Karm Farrugia, ara Schiavone ed., ii, 769. Ix-xogħol oriġinali ta' Pietro Gasparri, mitbugħ fl-1930, kien jismu *Catechismo Catholicus*.

darba fl-Istamperija tal-Gvern u baqa' jintuża fl-iskejjel għal perjodu twil.

### *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (1993)

Il-katekiżmu l-ġdid tal-Knisja Kattolika kien stampat mil-Libreria Editrice Vaticana fl-1992. Il-materjal kien kompilat matul medda ta' sitt snin minn kummissjoni ta' teologi, maħtura fl-1986, taħt il-presidenza tal-Kardinal Joseph Ratzinger (aktar tard il-Papa Benedittu XIII). Il-traduzzjoni Maltija dehret fl-1993. L-aħħar sezzjoni ta' dan il-katekiżmu hija appuntu ddedikata għat-'Talba tal-Mulej' (pp. 633–59), għal darba oħra maqsuma f'invokazzjoni u seba' talbiet. Il-'Missierna', hawnhekk deskritta bħala 'ġabra fil-qosor tal-Evanġelju kollu' u 'l-aqwa talba tal-Knisja', tidher f'p. 636:

*Missierna, li inti fis-smewwiet*
*jitqaddes ismek,*
*tiġi saltnatek,*
*ikun li trid int kif fis-sema hekda fl-art.*
*Ħobżna ta' kuljum agħtina llum,*
*aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina,*
*iddaħħalniex fit-tiġrib,*
*iżda eħlisna mid-deni.*

## Konklużjoni

L-iskop ta' dan l-istudju kien li bis-saħħa tat-traskrizzjoni tat-talba tal-'Missierna', kif dehret matul dawn l-aħħar tliet sekli, toħroġ ċara l-evoluzzjoni tassew kumplessa tal-Malti miktub sakemm ġie kkodifikat kif nafuh illum. Fl-aħħar tal-kontribuzzjoni qed jidher kompendju komparattiv tal-verżjonijiet ewlenin miġjuba bil-Malti kontemporanju.

| | Invokazzjoni | Petizzjoni 1 | Petizzjoni 2 | Petizzjoni 3 | Petizzjoni 4 | Petizzjoni 5 | Petizzjoni 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Maius** (1725) | Missier tagħna, inti li fis (?)-sema | ikun imbierek in-nom tiegħek | tiġi (?) il-art tiegħek | Itkun magħmula il-volontà tiegħek kif fis-sema hekk fil-art. | Il-ħobż tagħna kuljum agħtina llum | et (= u) aħfrilna dnubietna, kif aħna naħfru 'l oħrajn | u ma tagħmel xejn li naqgħu fit-tentazzjoni, imma lliberana dal (= mill-) malo. Amen |
| **De Sentmenat** (c. 1748–60) | Missierna, illi inti fis-smewwiet | (i)mqaddes l-isem tiegħek | tiġi s-saltna tiegħek | tingħamel il-volontà tiegħek hekk fis-sema bħal (?) fil-art. | Ħobżna ta' kuljum agħtina llum | u aħfrilna dnubietna bħal aħna naħfru lil min ħata għalina | u ħarisna mill-għadu u (?) ħarisna minn kull deni. Hekk ikun. |
| **Wzzinu** (1752) | Missierna, li inti fis-smewwiet | jitqaddes ismek | tiġi saltnatek | ikun li trid int, kif fis-sema hekkda fl-art. | Ħobżna ta' kuljum agħtina llum | u aħfrilna dnubietna kif aħna naħfru lil min ħata għalina | u le ddaħħalna fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni. Amen. |
| **Agius de Soldanis** (c. 1761) | Missierna li int fis-smewwiet | jitqaddes ismek | tiġi saltnatek, u s-saltna tiegħek | ikun li trid int, kif fis-sema hekkda fl-art. | Ħobżna ta' kuljum, agħtihulna llum | u aħfrilna dnubietna, kif aħna naħfru lil min ħata għalina | U la ddaħħalniex fit-tiġrif iżda eħlisna mid-deni. Hekk huwa. |
| **Hervás** (1787) | Missierna, li inti fis-smewwiet | ikun imqaddes l-isem tiegħek | tigi (i) s-saltna | ikun magħmul dak li trid, kif fis-sema u hekkda fl-art. | Ħobżna ta' kuljum agħtihuna llum | aħfrilna minn dnubietna bħalma (?) aħna naħfru min ħata għalina | u tħalliniex (?) naqgħu fit-tentazzjoni, ma ħarisna minn kull deni. |
| **Apostolides** (1869) | Missierna, li inti fis-smewwiet | jitqaddes ismek | tiġi saltnatek | ikun li trid int, kif fis-sema u fl-art. | Ħobżna lil min ħtieġ (?) agħtina llum | u aħfrilna djunna, bħalma aħna naħfru wkoll lill-midjunin tagħna | u la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni. Amen. |
| **Marietti** (1870) | Missierna, li inti fis-smewwiet | jitqaddes ismek | tiġi saltnatek | Ikun li trid int, kif fis-sema, hekka fl-art. | Ħobżna ta' kuljum agħtina l-jum | U aħfrilna dnubietna, Kif aħna naħfru lil [min] ħat għalina | U le ddaħħalna fit-tigrib; iżda eħlisna mid-deni. Amen. |
| **Verżjoni moderna** | Missierna li inti fis-smewwiet | jitqaddes ismek | tiġi saltnatek | ikun dak li trid int, kif fis-sema hekkda fl-art. | Ħobżna ta' kuljum agħtina llum | aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina | u la ddaħalniex fit-tiġrib. Hekk ikun (Ammen). |